Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 112/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Anthony Agius)

vs

**Nazzareno Cauchi**

Illum, 27 ta' Frar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Nazzareno Cauchi iben Luigi, imwieled Attard, fit-12 ta' Awwissu, 1943, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 518543 (M) akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala direttur tal-kumpanija Marsalite Limited (C 338) ghas-snin 2003, 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jew fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skond id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-

Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' erba' mitt Euro (€400) u multa addizjonali ta' sebgha Euro (€7.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ai fini ta' l-artikolu 49 (2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it- Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b' zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f' xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellanti Nazzareno Cauchi tal-4 ta' Marzu, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u cioe dik ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' 22 ta' Frar tas-sena 2013 fl-ismijiet hawn fuq premessi. Tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih kif ukoll minn kull piena u htija skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

(1) Illi l-fatt illi l-fabbrika inghalqet minghajr pre-avviz minkejja d-diversi weghdiet tal-Gvern li ser tinstab soluzzjoni, kif gie spjegat aktar ' il-fuq irrenda lill-appellant f' sitwazzjoni ta' natura gravi, eccezzjonali u indipendenti mill-volonta' tieghu li gabuh fl-impossibilita kemm li titkompla l-attivita tas-socjeta u kemm li jimpedixxi l-ghemil tar-reat. Din is-sitwazzjoni certament ma kienitx wahda ta' *self-inflicted impossibility* izda sitwazzjoni barra mill-kontroll tal-appellant ghaliex dan tal-ahhar ghamel minn kollox sabiex is-socjeta tkompli topera. Jinghad illi kieku thalliet topera, kien hemm possibilita qawwija li din tigi f' pozizzjoni li thallas id-dejn kollu u tigi likwidata;

(2) Illi huwa car illi filwaqt li qabel bl-izgumbrarnent tal-fabbrika d-Diretturi kellhom tama li s-socjeta setghet tirpilja, fil-mument li ttiehdet il-fabbrika s-socjeta giet f' pozizzjoni li ma kellha ebda prospetti ta' dhul finanzjarju u li ghalhekk, invista tad-dejn konsiderevoli li kien hemm din giet f' sitwazzjoni legali ta' falliment;

(3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant kien sottopost ghal proceduri quddiem l-Ewwel Qorti meta dan ma kellux access ghad-dokumentazzjoni necessarja sabiex jivverifika kienx hemm taxxa u bolla dovuta u jekk kien hemm kemm kien hemm dovut, ghaliex id-dokumentazzjoni kollha baqghet fil-fabbrika u kif inghad aktar ' l fuq l-appellant ma thallhiex jidhol lura fil-fabbrika. Ghalhekk kien impossibbli li jiddefendi ruhu fil-konfront tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

(4) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Att dwar I-Interpretazzjoni (Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta) jistabilixxi illi Direttur ta' socjeta jinstab hati ta' dak ir-reat kemm il-darba ma jippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu u li jkun ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Ghaldaqstant jinghad illi l-appellant ezercita d-diligenza kollha xierqa u ghamel minn kollox sabiex is-socjeta topera u terga tirpilja.

(5) Bhala Direttur huwa ghamel dak kollu li kien fil-kapacita tieghu sabiex jissalvagwardja l-pozizzjoni tal-impjegati. Tul iz-zmien li fih huwa kien Direttur, l-appellant ezercita d-diligenza kollha mistennija minnu skont il-ligi sabiex jimpedixxi l-ghemil tar-reat pero' ghal ragunijiet barra mill-kontroll tieghu dan ma kienx possibbli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

Rat li quddiem il-Qorti tal-Magistrati xehed Emmanuel Farrugia u dan nhar it-23 ta' Marzu 2012 pero' x-xhieda tieghu ma gietx dattilografata pero minn esami ta' l-tti jirrizulta li dan ix-xhud rega xehed quddiem din l-Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Frar, 2014 liema xhieda tinsab inserita fl-atti a fol. 29. Huwa spjega li jokkupa l-kariga ta' Senior Clerk fid-Diparimenti tax-Taxxa. Spjega li l-appellant fil-kapacita tieghu ta' Direttur tas-socjeta Marsalite Limited naqas li jibghat l-FSSs bil-pagamenti minn April sa Dicembru 2003. Jirrizulta ukoll li fis-sena 2004 naqas li jibghat l-FSSs mal-pagamenti f'Jannar u Frar u minn April sa Dicembru. Il-kumplament tas-snin l-ohra minn 2005 sa 2009 naqas li jibghat bhala persuna responsabbli l-FSSs u l-pagamenti ghall-perujodu kollu minn Jannar sa Dicembru ghas-snin 2005. 2006, 2007, 2008 u 2009.

Rat il-verbal tal-10 ta' Gunju, 2011 fejn giet esebita il-*letter to prosecute* firmata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li giet markata bhala dok AA1.[1]

Rat il-verbal tal-partijiet kif registrat fl-atti nhar it-18 ta' Novembru, 2015[2] fejn qablu illi l-appellant kien id-Direttur tas-socjeta Marsalite Ltd fil-perijodu indikat fic-citazzjoni.

Rat illi quddiem l-ewwel Qorti kienu xehdu diversi xhieda ohra fosthom David Agius, Charles Scicirha, Winfred Flores ,[3] li bqghu ma xehdux quddiem din l-Onorabbli Qorti

L-appellant kif ghandu kul dritt jghamel ghazel li ma jixhedx u jghati l-versjoni tieghu[4]

---

[1] Fol. 3
[2] Fol. 44
[3] Seduta tat-30 ta' Novembru 2012.

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza li kienu presenti quddiem l-ewwel Qorti ghal darba darbtejn u tirrileva is-segwenti:-

1. Illi l-ewwel Qorti zammet is-segwenti seduti ghal gbir tal-provi u cioe:-

i. 6 ta' Mejju 2011.

ii. 10 ta Gunju, 2011.

iii. 15 ta' Lulju 2011.

iv. 21 ta' Ottubru, 2011.

v. 16 ta' Dicembru, 2011.

vi. 27 ta' Jannar, 2012.

vii. 23 ta' Marzu 2012 .

viii. 11 ta' Mejju 2012

ix. 22 ta' Gunju 2012

x. 30 ta' Novembru 2012 u f'din is-seduta l-appellant iddikjara li ma kellux provi ohra xi iressaq.

2. Illi minkejja dawn l-ghaxra seduti ghal gbir tal-provi jidher li l-appellannt ma xehdx quddiem l-ewwel Qorti u dan qed jinghad ghaliex la tinsab xhieda tal-appellant fl-atti u lanqas ma hemm verbal resgistrat fl-atti li jghid li l-appellant xehed anzi semmai jirrizulta l-oppost u cioe li l-appellant ghazel li jipprevalixxi ruhu mid-dritt li ma jixhidx.[5]

3. Dan kollu qed jigi rilevat ghaliex fit-22 ta' Frar, 2013,[6] l-ewwel Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha u fl-istess sentenza appuntu mit-tieni faccata taghha[7] din taghmel referenza ghax-xhieda li allegatament ta' l-appellant qua Direttur u ta xhieda ohra u cioe Charles Sciriha u Winifred Flores pero dawn ix-xhieda ahharija ma instemghux quddiem din il-Qorti u xhieda dattilografata taghhom fl-atti ma hemmx.

Illi ghalekk din il-Qorti rid tistrieh **<u>biss</u>** fuq dak li qal ix-xhud Emmanuel Farrugia.

---

[4] Ibid fol. 13
[5] Seduta tat-30 ta NOvembru 2012 fol. 13
[6] Fol. 17
[7] Fol. 18

Illi appuntu ghalhekk din il-Qorti trid bilfors tezamina dak li xehed Emmanuel Farrugia biex tara jekk l-akkuzi jistghux jirrizultaw provati fir-rigward tal-appellant minkejja li quddiem din il-Qorti hemm provi differenti minn dawk li kellha quddiem l-ewwel Qorti u appuntu ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel l-apprezzament taghha tax-xhud biex tara jekk il-gudizzju li ghamlet l-ewwel Qorti kienx wiehed '*safe and satisfactory.'*

Fit-trattazzjoni orali tad-difiza kif ukoll fl-aggravju tal-appell tar-rikorrenti jidher li l-appellant qed isostni li huwa ma ghamilx dak minnu rikejst ghaliex kien fl-impossibilita' li jaghmel hekk. Fir-rikors tal-appell tieghu (pero dan mhu bl-ebda mod provat fl-atti ) jghid li, *"l-fabbrika li kellu l-appellant inghalqet minghajr pre avviz minkejja d divesi weghdiet tal Gvern li ser tinsab souzzjoni u dan il-fatt irrenda lill-appellant f'siwazzjoni ta natura gravi, eccezzjonali u independenti mill-volonta tieghu li gabuh fl-impossibilita kemm li tikompla l-attivita tas-socjeta u kemm lijimpedixxi l-ghameil tar reat"*.

Jghid ukoll li fit-tieni aggravju tieghu li *"qabel ma kien hemm zgumbrament mill-fabbrika kien hemm tama li s-socjeta kienet ser tirpilja , izda meta ittihdet l-fabbrika ma kien ghad fadal l-ebda prospetti ta' dhul finanzjaju u in vista tad-dejn li kien hemm is-socjeta giet f'sitwazzjoni ta' falliment"*.

Jghid ukoll *"li ma kellux access ghad-dokumentazzjoni necessarja sabiex jivverifika kienx hemm taxxa u bolla dovuta u jekk kien hemm kemm kien dovut ghaliex id-dokumentazzjoni kollha baqghet fil-fabbrika u l-appellant ma thalliex jidhol lura fil-fabbrika u ghalhekk ma setax jiddefendi ruhu kontra l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu"*.

Illi ghalhekk id-difiza tal-appellant hija wahda li tabbraccja il- principju ta' *nemo tenetur ad impossibilia* .

Illi kif tajjeb osservat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Joseph Mifsud</u>**[8] meta iccitat mis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Christopher Gauci</u>**[9]**<u>,</u>**li:-

---

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar t-3 ta Gunju, 2014
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' Jannar, 2013

*"Filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi d-difiża ta' mpossibilta' hija rikonoxxuta fis-sistema ġuridika tagħna, bħala regola ġenerali din id-difiża tista' tiġi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx poġġa ruħu volontarjament fl-impossibilta' fiżika illi jottempra ruħu mal-Liġi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' "self inflected impossibility" din id-difiża ma tistax treġġi."*

Illi kull ma jirrizulta mill-atti tal-kawza huwa li skond is-senior Clerk tad-Dipartiment tat-Taxxi l-appellant qua Diretur tas-socjeta' Marsalite Limtied ma pprezentax l-FSSs ghas-snin 2003 sas-sena 2009. Ir-raguni ghal dan in-nuqqas ma jirrizultax mill-atti apparti l-allegazzjonijiet li saru fir-rikros tal-appell li fl-ebda hin ma gew sostanzjati. Lanqas ma jirrizulta mill-atti li dak mistqarr minn Emanuel Farrugia f'xi hin gie kontestat jew imcahhad.

Din il-Qorti zgur li ma tistax titratta mad-difiza imqajma tan-*nemo tenetur ad imposibilia* u dan ghaliex ma jirrizultax ir-raguni ghala l-appellant ma ghamilx dak rikjest u mitlub minnu u cioe li jipprezenta l-FSSs tas-socjeta amministrata minnu Marsalite Limited. Il-fatt li fir-rikros tal-appell l-appellanti jsipjega x'wassal lill-appellant bie xjonqos li jaderixxi mal-ligi mhux bizzejjed kien jirrikjedi li dawk l-allegazzonijiet imsemmija fir-rikors tal-appell jigu b'xi mod sostanzjati quddiem l-ewwel Qorti

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ghar-ragunijiet diversi u qeda wara li tiddikjara li qed issib lill-appellant hati tar-reat addibitat fil-konfront teighu qeda tikkunndannah ihallas il-multa inflitta mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' €400 u qed tikkonferma ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat lill-appellant ihallas multa addizzjonali ta' sebgha (€7) euro ghal kul jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Qeda ukol tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ai fini tal-artikolu 49(2) tal-kapitolu 372 tal-ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga jinsab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa (sew jekk ta' l-istess xorta

jew jekk le tinghata sentenza, b'zieda ma kul piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kul disposizjonijiet ta' l-Att dwar il-Probabtion jew f'xi legislazzjoni ohra , jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem , b'zieda ma kul piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur